**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Dicembru, 2017**

**Rikors Nru. 1034/2017**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 819/2017MCH**
**fl-ismijiet**
**Apassionata Park München GmbH & Co KG**
**rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha**
**l-Avukat Dr Nikolai Lubrano u**
**b'nota tat-22 ta' Settembru 2017**
**Johannes Mock O-Hara ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta Apassionata Park München GmbH & Co KG**
**qed jassumi l-atti minflok Dr Nikolai Lubrano**

**vs**

**St George Edition Limited**
**Davinci Publishing Limited**
**Sense-Up Entertainment GmbH**
**Peter Massine Productions GmbH**
**Peter Massine**

**u wara Mandati ta' Sekwestri Kawtelatorji bin-numri**
**1227/2017, 1337/2017 u 1383/2017**

**Il-Qorti,**

Rat it-tlett rikorsi separati ghar-revoka ta' mandati ta' sekwestru bin-numri 1227/2017, 1337/2017 u 1383/2017 maghmula mill-intimati kollha sekwestrati bl-imsemmija mandat tal-14 ta' Novembru 2017 kontra s-socjeta Apassionata Park

Munchen GmbH & Co KG, sussidjarja ta' Apassionata World GmbH, liema socjeta taghmel wirjiet taz-zwiemel gewwa belt fil-Germanja.

Rat ir-risposta tas-socjeta Apassionata Park Munchen GmbH & Co KG li opponiet ghar-revoka.

Rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet li, nonostante l-volum ta' materjal ipprezentat issimplifikaw il-kwistjoni ta' dak li hu effettivament kolpit bl-imsemmija mandati.

Id-difensur tas-socjeta sekwestranti sostna illi l-ammont effettivament kolpit bil-mandati hu ta' €8,300,000 kif spjegat minn Johannes Mock O'Hara direttur u CEO ta' Apassionata Park u Apassionata World, fid-dikjarazzjoni tieghu ipprezentata fl-atti fis-6 ta' Dicembru 2017. Dan l-ammont kif jidher mill-iskeda annessa mal-istess dikjarazzjoni turi illi dan it-telf jew dannu jkopri z-zieda fin-nefqa ghal 'marketing' tal-brand 'Apassionata' ghall-istagun li ser ikopri l-2017 u l-2018 u in parti ghall-allegat ksur tad-dritt intellettwali fil-brand name u negozju gestiet bl-isem Apassionata u dan peress illi s-socjetajiet sekwestrati jew min minnhom approprjaw ruhhom u qed juzaw abbusivament u b'mod qarrieqi l-isem u markju 'Apassionata'. Din il-vertenza hi l-mertu tal-kawza pprezentata quddiem din il-Qorti kif preseduta. Hu l-kontenzjoni li s-socjetajiet sekwestrati huma kollha konnessi ma' xulxin tramite l-persuna ta' Peter Massine.

Is-socjetajiet sekwestrati qed jitolbu ir-revoka tal-mandati a bazi tal-artikolu 836(1)(b), (d) u (f) tal-Kap. 12.

Din il-Qorti ser tissoferma ruhha fuq it-talba a bazi tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12.

F'dan il-kaz l-intimati qed isostnu li l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew hu eccessiv [art. 836(1)(d)]. Apparti l-kwistjonijiet legali formali li l-partijiet ivventilaw

waqt it-trattazzjoni tal-abbli difensuri, din il-Qorti tqis li ghandha timxi mal-principji li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreġ fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa ta' ghajn li l-intimata ezekutanti ghandhiex bazi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex tillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha mahluf fil-mandat. Wiehed ma' ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti (ara f'dan is-sens **Vincent Mercieca vs George Galea**, PA 29/11/2001).

Il-Qorti tqis illi l-kwistjoni giet almenu provvizorjament kristallizata bid-decizjoni tal-Qorti ta' Dusseldorf fl-atti tal-inibizzjoni deciz fit-23 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet Da Vinci Publishing Limited kontra Apassionata World fejn il-Qorti laqghet il-verzjoni ta' Da Vinci li ma kien hemm ebda ftehim vinkolanti datat 1 ta' Frar 2016 liema ftehim hu l-bazi tal-pretensjonijiet tas-socjeta Apassionata Park u ghalhekk indirettament is-socjeta Apassionata World li taghha s-socjeta Apassionata Park hi sussidjarja. Kwindi s-socjeta sekwestrata ma setghet tivvanta ebda jedd ta' licenzja fuq in-negozju gestit bl-isem Apassionata li kellu jigi ritornat lil Da Vinci sal-1 ta' Lulju 2018. L-iskop wara din is-sospensjoni ghall-effetti tad-decizjoni kien li l-Qorti Germaniza hasset li s-socjeta Apassionata kienet gia nediet l-attivitajiet taghha ghas-sena 2017 u ghalhekk kellha tispiccahom sal-ahhar tal-istagun biex tevita telf ta' qliegh bla bzonn u piz ingusifikat fuq Apassionata Park.

Din id-decizjoni li fil-fehma tal-Qorti taghmel stat ta' fatt rikonoxxut miz-zewg partijiet sa issa f'dan l-istadju, ipoggi allura f'dubju serju s-siwi tal-mandat li ex admissis qed ikopri bzonn ta' reklamar ghall-istagun 2017/2018 minhabba li s-socjetajiet sekwestrati issa u f'dan l-istadju b'mod provvizorju, almenu ghal dak li jirrigwarda din il-Qorti, mhux qed jikkompetu b'mod qarrieq u sleali, anzi l-markji jidhru prima facie li jappartjenu lis-socjetajiet sekwestrati u mhux lis-socjeta sekwestranti. Ghalhekk ma hemmx lok li l-mandati jibqghu fis-sehh billi ma ghadhox prima facie gustifikati.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-sekwestrati rikorrenti u tirrevoka b'mod immedjat il-mandati ta' sekwestru 1227/2017, 1337/2017 u 1383/2017 fil-konfront taghhom, pero ma tqis fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-komplessita tan-negozju u l-kwistjonijiet legali, kif ukoll l-avvenimenti li sehhew specjalment bid-decizjoni ta' Dusseldorf li ghandha tilqa' t-talbiet ghal penali u danni mressqa mir-rikorrenti sekwestrati. Fl-istess waqt billi l-mandati qed jigu revokati l-Qorti mhix ser tqis xi ghoti ta' ta' garanzija mitluba qua talba sussidjaraja tar-rikorrenti sekwestrati. L-ispejjez tbatihom is-socjeta Apassionata Park Munchen GmbH & Co KG.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur